MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1047/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**JONATHAN D'AMATO**

**-OMISSIS-**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JONATHAN D'AMATO** ta' 24 sena, iben Paul u Joan nee' Catania, imwieled fil-5 ta' Frar 1989, residenti Tal-Grazzia F/H, Tal-Hlas limiti Qormi / no 9, 'Tal-Karmnu', Pjazza Federiku Maempel, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0453989(M)

u

**-OMISSIS-** gew imressqa quddiemha u akkuzati talli bejn it-8 ta' Mejju, 2013 u x'xhur ta' wara, kienu fil-pussess ta' BBQ li jiswa €700 u li xjentement laqghu ghandhom jew xtraw meta kienu jafu li gej minn serq, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkunu, indahlu biex ibieghu jew imexxuh meta kienu jafu li l-haga kienet gejja minn serq.

Lil **Jonathan D'Amato** wahdu; akkuzat ukoll talli kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Mejju, 2013 b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom stqarrija tal-imputat a fol. 7 u 8, id-Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghall-Parir Legali a fol. 9, il-fedina tal-imputat a fol. 10 et sequitur, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol. 14 u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Ottubru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens jinsab a fol. 23 tal-Process.

Illi nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 xehed **Carmel Micallef** u spjega li huwa ghandu kamra f'ghalqa u go fiha kien izomm l-ghodda u l-affarijiet tar-raba' u x'hin nizel siehbu wara x-xoghol sab il-kmamar maqlughin u l-bibien sgassati, jghid li kemm l-ghodda kif ukoll l-affarijiet li kellhom fil-*cupboards* kienu kollha mal-art, kollox ta' taht fuq. Huwa spjega li l-ghalqa tinsab lejn ta' Farsina qabel il-Kappella tal-Hlas. Dan sehh minghalih fil-hamsa (5) ta' Mejju bejn wiehed u iehor ghalkemm ma jafx ezatt. Fost l-ghodda li nsterqu kien hemm il-mutur tal-hart, *generator*, zewg (2) pompi tal-ilma, *chain saw* li jaqta' l-injam, *router*, *cross cutter*, *drillers* u affarijiet hekk. Mistoqsi bejn wiehed u iehor kemm hu smat il-valur spjega li ai fini tal-inkjesta li nzammet kien ghamel stima pero' issa nesa minn dak iz-zmien l-ammont ezatt. Spjega li l-affarijiet huma tieghu.

Spjega li fil-kamra kien hemm ukoll l-*barbeque* ta' siehbu u li kien ilu l-ghalqa xi erba' (4) jew hames (5) xhur. Huwa spjega li dan huwa *barbeque* tal-gass tal-*istainless steel, cover* ma kellux jigifieri

l-wicc. L-affarijiet tieghu ma nstabux, nsterqu kollha u ghalhekk l-ghalqa ma baqalux ghodda. Sabu biss il-*barbeque* ta' siehbu. Mistoqsi ghat-tieni darba dwar il-valur tal-oggetti misruqa kemm hu bejn wiehed u iehor spjega li meta kien mar il-Magistrat l-ghalqa kien ghamel ir-rapport u kienu tkellmu imma l-prezzijiet ma jafx ezatt, jghid li kienu xi haga qrib it-tlett elef ewro (€3,000).

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li D'Amato jkun fl-ghalqa ta' faccata tieghu biz-ziemel pero' qatt ma mar in-naha taghhom.

Illi nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 xehed **Godfrey Magri** u spjega li l-Pulizija kienu kellmuh fuq *barbeque* u staqsewh minn fejn xtrah u hekk. Huwa gharaf lill-imputat u spjega li huwa habib tieghu. Hu ghandu remissa u l-kunjatu tieghu ghandu remissa u kien irabbi l-fniek hemmhekk. Huwa spjega li Jonathan D'Amato kien qallu li ghandu *barbeque* ghall-bejgh u tela' l-ghalqa hemmhekk fejn kellu r-remissa hu urihulu u xtrah. Xtrah mija u hamsin ewro (€150). Huma kienu ghamlu ftehim tah ghaxar (10) t'ifniek u hamsin ewro (€50) ghax hu kien irabbi l-fniek hemmhekk stess. Huwa gharaf lill-imputat u kkonferma li kien xtara l-*barbeque* minghandu.

In kontro ezami d-difiza spjegatlu illi fir-remissa tal-imputat imorru nies ohrajn ir-remissa tieghu u mistoqsi jekk minn fejn gabulu kienx mohbi jew inkella jidher f'ghajnejn kulhadd huwa spjega li

minn fejn gabu ma jafx. Huwa spjega li kien fir-remissa kif wasal hemmhekk kien jidher kien qisu go bitha u ghabbih gol-karozza u ghenu hu stess jabbuh. Ma kienx mohbi izda kien fil-berah u fil-miftuh.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri ezami spjega li hu kif wasal hemmhekk sabu barra mal-art. Mistoqsi barra fejn huwa spjega li kien fir-remissa mal-art lest biex jiehdu. Huma kienu diga' ftiehemu li kien ser jixtrih.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni datata 21 ta' April, 2014 mill-Prim Imhallef u fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru, 2014 din il-Qorti giet ezentata mill-htiega li terga tisma' ix-xhieda li kienu gja ddeponew f'dawn il-proceduri u ghalhekk segwiet bil-procediment tal-kawza odjerna.

Illi nhar it-12 ta' Gunju, 2014 xehed **Ryan Vella** u mistoqsi jekk jafx lill-imputat, spjega li jafu minn wiccu u dan gieli rah Hal Qormi. Spjega illi huwa kellu xi *barbeque* li nsteraqlu u dana kien xi zmien is-sena l-ohra u jekk jiftakar sew kien qabel is-sajf.

Fil-fatt kien mar l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi, kien infurmahom li nsteraqlu dan il-*barbeque*. Dan il-*barbeque* huwa kien izommu fl-ghalqa f'post maghruf bhala Tal-Hlas, f'Hal Qormi.

Sussegwentement jghid li sab dan il-*barbeque* wara li beda jfittex ghal wiehed fuq il-Malta Park u rah irriklamat hemmhekk. Sussegwentement jaf li l-Pulizija gabru dan il-*barbeque* u huwa mar l-Ghassa u ddentifikah bhala l-*barbeque* tieghu. Fil-fatt xtaq jghid li dan il-*barbeque* llum jinsab lura ghandu. Spjega apparti l-*barbeque* kienu nsterqulu diversi oggetti ohrajn u dawn ma sabhomx. L-ghalqa fil-fatt lanqas hija tieghu izda ta' habib tieghu li jismu Karmenu. Spjega illi fl-ghalqa kien hemm ukoll numru ta' ghodda li gew misruqa u spjega li fil-fatt il-Pulizija kienu stmawhom ghal xi tlett elef euro (€3000). Il-*barbeque* in kwistjoni kien kbir tal-istainless steel, bil-gass.

Illi nhar id-29 ta' Lulju, 2014 rega' xehed **Ryan Vella** u ftakar illi fit-tmienja (8) ta' Mejju, 2013 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30) huwa kien ghamel rapport fejn kien irrapporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi illi meta huwa kien niezel fl-ghalqa tieghu maghrufa bhala Tal-Hlas sab il-kmamar li ghandu mal-ghalqa miftuha u l-affarijiet ta' go fihom misruqa. Fost l-affarijiet li nsterqulu jaf li kellu *barbeque* ta' habib tieghu.

Spjega illi l-*barbeque* in kwistjoni kien xtrah minghand Zahra Enterprises , xtrah ghall-prezz ta' seba' mitt ewro (€700) u spjega ukoll illi effettivament dan kien inxtara xi tlett (3) snin ilu. Spjega ukoll li nsterqulu diversi oggetti ohrajn liema oggetti huma

msemmija fl-okkorrenza tal-Pulizija mmarkata bhala dokument Z. Il-Pulizija ma regghux kellmuh wara dan ir-rapport li ghamel hu.

Sussegwentement jaf li sab il-*barbeque* li serqulu ghall-bejgh fuq il-Maltapark, mar jarah, ikkonferma li tieghu, mar l-Ghassa Hal Qormi nformahom li effettivament kien hemm il-*barbeque* ghall-bejgh fuq il-Maltapark u l-Pulizija gabuhulu lura.

Illi nhar it-12 ta' Gunju, 2014 xehed **Godfrey Magri** u mistoqsi jekk jafx lil Jonathan D'Amato l-imputat odjern spjega li jafu u dan jafu peress li huwa mir-rahal tieghu Hal-Qormi. Huwa kellu ghalqa maghrufa tal-Hlas, Hal-Qormi fejn kien irabbi l-fniek. Spjega li Jonathan D'Amato ukoll ghandu ghalqa ma' genbu Tal-Hlas u spjega illi fil-fatt kien bieghlu *barbeque*. Spjega li fil-fatt dan il-*barbeque* kien xtrah mija u hamsin euro (€150), kien tah hamsin euro (€50) tieghu u ghaxar (10) t'ifniek. Fil-fatt spjega illi Jonathan kien qallu li kellu *barbeque* ghall-bejgh kien tela' l-ghalqa stess, rah, ghogbu u xtrah.

Jiftakar li nsegwitu wara li kien xtara dan il-*barbeque* sidu kien mar il-garaxx mal-Pulizija u kien qallu li l-*barbeque* li kien xtara kien tieghu u fil-fatt il-Pulizija marru u gabru l-*barbeque* minghandu l-ghada. Pero' lil Jonathan ma regghax kellmu daqshekk.

Illi nhar id-29 ta’ Lulju, 2014 xehed **PS274 James Turner** u spjega li nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, 2013 waqt li kienu qeghdin jaghtu *hand over* gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi kien hemm tlett (3) persuni li kienu qeghdin mizmuma. Dana kien il-hin meta kienet se tibda n-*night watch duty* u dana in konnessjoni mas-serqa li kienet saret gewwa Zona f'Hal Qormi maghrufa bhala Tal-Hlas u dan in konnessjoni ma' *barbeque* li kien qed jinbiegh fuq il-Malta Park.

Huwa fil-fatt kien qed jitkellem ma' Godfrey Magri li kien ikkopera maghhom u li tahom il-*go ahead* tieghu sabiex jaghmlu tfittxija gewwa r-residenza tieghu u gewwa garaxx *Wenzu Gafa' street* kienu sabu dan l-istess imsemmi *barbeque*. Dana kien gie elevat minn membri tal-*forensic* l-ghada u minnufih u s-Sur Magri kien gie rilaxxat.

Ghall-habta ta' xi l-ghaxra u nofs (10:30) jaf li hargu xi zewg mandati ghat-tfittxija mill-Magistrat Miriam Hayman u dan sabiex jaghmlu tfittxija fir-residenza ta' Jonathan D'Amato u -omissis- u hemmhekk jaf li ghandhom remissa bil-bieb ghalih u suppost li sab biss affarijiet in konnessjoni maz-zwiemel pero’ effettivament sabu l-*barbeque* hemmhekk. Ghall-habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl (23:15pm) jaf li -Omissis- u Jonathan D'Amato gew mehuda l-Ghassa tal-Pulizija ghal aktar stharrig. Dina kienet l-involviment

tieghu. Esebixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport li gie mmarkat bhala dokument Z.

Illi nhar it-13 ta’ Awwissu, 2014 xehdet il-**Probation Officer Annabelle Bugeja** u xtaqet tghid li l-imputat jinsab taht id-direzzjoni tal-Probation Officer Charisse Boffa, pero' fil-prezent jinsab taht id-direzzjoni taghha u fil-fatt ilha ssegwih ghal dan l-ahhar xahar fl-assenza tal-kollega taghha. Spjegat li minn mindu l-kaz gie ghandha hija lil Jonathan iltaqghat mieghu darba biss. Fil-fatt il-kaz mar ghandha l-gimgha l-ohra, baghtitlu ittra u mar nhar it-Tnejn li ghadda. Waqt l-udjenza li kellha mieghu haditlu t-*test* tal-awrina li ta rizultat posittiv ghall-prezenza ta' kokaina u fil-fatt stqarr li huwa qed jabbuza minn din id-droga minhabba problemi familjari li ghandu u fil-fatt kienu dawn l-istess problemi li waqfuh milli jattendi ghal sessjonijiet mal-kollega taghha Charisse Boffa u hija qaltlu li din ma kinitx konsiderazzjoni u kellu jieqaf minnufih mill-abbuz tad-droga u kellu ukoll jibda kuntatt ma' Marquita Camilleri li kienet qed issegwih fl-Agenzija Sedqa.

Hija ordnatlu sabiex imur is-Sedqa mmedjatament u jiffissa appuntament u bil-kuntatt li ghamlet jidher li huwa fil-fatt ghamel kuntatt mal-Agenzija Sedqa biex jibda trattament u fil-fatt kellu appuntament ma' Marquita Camilleri l-ghada fis-saghtejn (14:00).

Illi nhar it-3 ta’ Settembru, 2014 regghet xehdet il-**Probation Officer Annabelle Bugeja** u spjegat illi wara li kienet dehret il-Qorti fit-tlettax (13) ta' Awwissu, 2014 l-imputat kellu appunatament ghal maghha ghall-gimgha ta' wara u dakinhar tas-seduta kien infurmaha li lejliet is-seduta u cioe' ghalhekk fit-tnax (12) ta' Awwissu, 2014 huwa kien ghamel abbuz mid-droga kokaina u b'hekk qaltlu li sabiex fil-gimgha sussegwenti biex meta jidher quddiemha ghall-appuntament li kellu ghat-tmintax (18) ta' Awwissu, 2014 huwa ma kellux jaghmel uzu mid-droga kokaina sabiex l-awrina taghti rizultat negattiv ghall-prezenza tad-droga. Cioe' nonostante dakinhar tal-appuntament fit-tmintax (18) ta' Awwissu, 2014 l-imputat cemplilha u qalilha li kien sab xoghol u ma setghax jattendi ghas-seduta u b'hekk deher fid-dsatax (19) ta' Awwissu, 2014 l-ghada.

Dakinhar ittiehed it-*test* u cioe' ghalhekk aktar minn gimgha wara u ghal darb'ohra rrizulta posittiv ghall-prezenza ta' kokaina. Jonathan sostna li l-prezenza ta' kokaina ddum timmarka u ghalhekk taghtu appuntament iehor ghall-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu, 2014. Dakinhar huwa kellu ukoll appuntament mal-Agenzija Sedqa u cempel u qalilha li ma jiflahx u la attenda ghall-appuntament taghha u lanqas dak mal-Agenzija Sedqa. Naturalment hija talbitu biex jaghtiha certifikat mediku, ghamlitlu appuntament iehor ghas-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, 2014 u cempel u qalilha li kien qieghed l-isptar. Spjegat li dan irrizulta li kien veru ghaliex effettivament taha certifikat li huwa kien gie

mizmum l-isptar ghal jumejn (2) u cioe' mill-hamsa u ghoxrin (25) sas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu, 2014 u tikkonferma li mid-dsatax (19) ta' Awwissu l'hawn ma regghetx ratu u ghadu sa llum ma tahiex certifikat mediku.

Illi nhar il-15 ta' Settembru, 2014 xehdet il-**Probation Officer Charisse Boffa** u spjegat illi mill-ahhar seduta tat-tlieta (3) ta' Settembru, 2014 l'hawn spjegat illi l-imputat attenda zewg appuntamenti li nghatawlu fid-disgha (9) ta' Settembru u dakinhar stess tas-seduta u spjegat li effettivament tahom ukoll zewg (2) kampjuni tal-awrina tieghu u dawn it-tnejn (2) taw rizultat negattiv ghall-prezenza ta' sustanzi lleciti fosthom kokaina, eroina u kannabis. Minkejja dan xorta spjegat li hu ghandu problema tad-droga u ghalhekk hija ssuggeriet li jibda mas-Sedqa u fil-fatt diga' attenda appuntament il-gimgha li ghaddiet u ghandu appuntament iehor din il-gimgha mal-*key worker* tieghu Miss Marquita Camilleri. Dan hu l-pjan li huma qed jistabbilixxu sabiex huwa jaghti iktar importanza lejn din il-problema li huwa ghandu.

Il-Qorti tirrileva li l-imputat ma xehdx kif kellu kull dritt u meta rrilaxja stqarrija nhar it-22 ta' Ottubru, 2013 (fol. 7 l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda li saret lilu kif del resto ukoll kellu kull dritt jaghmel, pero' cioe' nonostante ghalhekk dak li stqarru x-xhieda tal-Prosekuzzjoni fl-ebda hin ma giet kontestata jew kontradetta mid-difiza.

Illi nhar il-11 ta' Novembru, 2014 dehru l-partijiet quddiem il-Qorti u trattaw il-kaz u talbu li din il-kawza tibqa' ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza jirrizulta li Ryan Vella kellu l-*barbeque* tieghu jinzamm go remissa ta' habib tieghu certu Carmel Micallef. Jirrizulta li dan il-*barbeque* nsteraq flimkien ma' numru ta' oggetti ohra kif imsemmija fl-atti tal-inkjesta u sussegwentment l-imputat biegh dan l-istess *barbeque* lil certu Godfrey Magri ghall-prezz ta' mija u hamsin euro (€150), kien tah hamsin euro (€50) tieghu u ghaxar (10) t'ifniek. Jirrizulta ukoll li darba minnhom Ryan Vella kien qed ifittex *barbeque* iehor fuq il-Malta Park u ra l-*barbeque* li kellu jigi reklamat. Jghid li huwa kien xtara dan il-*barbeque* ghall-prezz ta seba' mitt euro (euro 700) minghand Zahra Enterprises. Huwa ghalhekk mar l-Ghassa tal-Pulizija u ghamel rapport dwar dan. Il-*barbeque* in kwistjoni nstab ghand Godfrey Magri li minnufih ikkolabora mal-Pulizija u qallhom li kien xtara dan il-*barbeque* minghand l-imputat u kien ghalhekk li dan l-imputat gie mressaq il-Qorti akkuzat fuq ir-reat ta' ricettazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Issa kif gie deciz fil-kawza fl-ismiijet **Il-Pulizija v Joseph Bugelli** nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar, 1942 mill-Qorti tal-Appell Kriminali jinghad li biex l-akkuza ta' ricettazzjoni tigi ppruvata hemm bzonn li jirrizultaw sodisfacentement dawn is-segwenti rekwiziti u cioe':

1. li l-oggett ikun gej minn kommissjoni ta' reat kontra l-proprjeta';

2. li l-persuna akkuzata bhala recettatur tkun irceviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt, jew b'xi mod indahlet biex tbiegh dak l-oggett;

3. li r-recettatur ikun jaf li l-oggett kellu provenjenza llegittima.

It-tieni element jikkostitwixxi l-element materjali tar-ricettazzjoni. Imma biex ikun hemm dan l-element hemm bzonn li l-prezunt recettattur ikun ghamel xi haga biha b'xi mod ikun ikkopera ruhu biex jigi ezilat jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz ta' reat. Jekk l-atti tieghu ma jurux li kien hemm dik l-intromissjoni da parti tieghu, biex b'xi mod jigi facilitat l-okkulament tal-oggett misruq jew illecitament ottenut, dan t-tieni element ma jirrikorrix u ma hemmx ricettazzjoni.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Settembru, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v J. Gravina** gew osservati s-segwenti konsiderazzjonijiet dwar l-element tad-dolo specifikata ta' dan ir-reat;

a. L-element tax-xjenza tal-provenjenza llegittima tal-oggett, jista’ jigi desunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

b. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat, dwar il-provenjenza legittima jew le, minghajr ma jaghmel il-verifiki mehtiega dwar dik il-provenjenza, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, ghax f'certi kazijiet jista jkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali, imma waheda biss ma hiex qatt bizzejjed;

c. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li fil-mument tal-akkwist ir-recettatur kellu xi xjenza certa u posittiva tal-provenjenza llecita tal-oggett;

d. Min jixtri minghand persuni suspettuzi jew jindahal fit-traffiku tal-oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan ghar-riskju tieghu.

Kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Micallef**, l-element ta' xjenza gie spjegat fid-dettal. Dik il-Qorti spjegat li l-element tax-xjenza:

"*Jirrikjedi li min qieghed jakkwista jrid ikun jaf li dak l-oggett li qed jakkwista huwa gej minn xi serq jew xi attivita’ ohra llegali, jew li setgha ragjonevolment jissuspetta li kellu l-origini tieghu hekk, u dan minn diversi cirkostanzi li huma di natura suspettuza, bhal per ezempju, prezz*

*irrizarju, transazzjoni fl-imwarrab u fid-dlam u bil-mohbi tal-pubbliku, bejjiegh mhux maghruf u cirkostanzi ohra simili li bilfors jqajjmu suspett fondat u ragjonevoli li f'dak in-negozju hemm xi haga mhux normali jew illegali. Biex jigi ppruvat dan ir-rekwizit tax-xjenza, il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova il-'criminal misconduct' ta' min qed jakkwista l-oggett allegatament gej minn attivita' llegittima. Din il-mens rea tista' tigi ppruvata jew direttament jew tramite provi cirkostanzjali*"

Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija v Alfred Azzopardi**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-wiehed u tletin ta' Lulju, 1997, gie ritenut ukoll li min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza llegittima w intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghlaq ghajnejh, ikun hati ta' negligenza grossolana u kondotta kriminuza u kwindi hati ta' ricettazzjoni.

Fil-fehma ta' din il-Qorti jigi rilevat li r-reat ta' ricettazzjoni huwa bazat fuq is-sistema Taljana, fuq l-Artikolu 421 tal-Codice Penale bid-differenza li l-Artikolu Taljan, jesigi "*la certezza mentre l'acquisto*" mentri fil-ligi taghna ma hemmx referenza ghal din ic-certezza. Pero' is-sentenza nostrana taghna taw interpretazzjoni simili ta' dan ir-reat fis-sens illi irid ikun hemm ix-xjenza da parti tar-recettatur fil-mument tar-ricettazzjoni.

Manzini fl-opera tieghu Trattato di Diritto Penale jghid is-sewgenti:

"*Per l'imputabilita del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose*."

Waqt li l-posizzjoni Ingliza hi s-segwenti u cioe' kif deskritta minn l-awturi **Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb Criminal Law (Edit. 1965) fejn jiktbu

"*Knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have*."

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma l-principali fuq dan:

a. **Il-Pulizija v Bugelli** (vol XXXI pg. 468)

b. **Il-Pulizija v Simiana** (vol XXXIII pg. 966)

c. **Il-Pulizija v Muscat** (vol XXV pg. 706)

d. **Il-Pulizija v Degiorgio** (vol XXXVII pg. 1059)

e. **Il-Pulizija v Fenech** (vol XXIX pg. 694)

f. **Il-Pulizija v Calleja** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Novembru, 1978)

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn, johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza;

1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar-ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjin jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;

2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;

3. Dan l-element jista’ jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;

4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa’ ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista’ jkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;

5. Minn jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu.

Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu llegittimament u ntant tilqa' dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;

6. Jigi ccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova tal-ammissjoni ta' diligenza tal-boun padre di familia da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal *criminal negligence*;

7. Veru li s-semplici suspett m'ghandhux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru wkoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngibitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista' tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghal iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist min ikun xtara kellu x-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;

8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza llegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Wara li l-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet ta' dritt fuq ir-reat ta' ricetazzjoni, sejra issa tezamina x-xhieda prodotta fid-dawl tal-principji legali enunzjat aktar ‘l fuq u tara jekk il-Prosekuzzjoni rnexxiliex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Issa fil-kaz in desamina l-Qorti m’ghandhiex prova li effettivament l-imputat kien involut fis-serq tal-oggetti mir-remissa tal-Hlas Qormi izda ghandha prova li l-*barbeque* misruq instab ghand l-imputat f’sitwazzjoni li l-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ghaliha.  In oltre jidher li l-*barbeque* li nxtara ghall-prezz ta’ seba’ mitt ewro (ewro 700) inbiegh ghal mitejn u hamsin ewro (ewro 250) u dan huwa ndikattiv li meta l-prezz ikun wiehed irrizorju u l-persuna li zzomm l-oggett gej minn provenjenza llegittima ma jaghtix spjegazzjoni ghal tali zamma li r-reat ta’ ricettazzjoni tirrizulta provata.

Dwar it-tieni akkuza u cioe’ li kiser il-provvediment tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 46 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad li l-Prosekuzzjoni ma pprezentatx l-ebda sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern u ghalhekk tali ksur ma jistax jirrizulta.

**Dwar il-piena.**

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala mputat u kellu din il-

problema serja ta’ abbuz ta’ droga u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita’ sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba u affidabilita’ u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga’ jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li l-imputat mhux qed jaghmel sforz bizzejjed sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’ li wara kollox hu ukoll jaghmel parti minnha u ghalhekk temmen li l-isforz tieghu sabiex jindirizza din il-problema mhux wiehed genwin.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti a fol. 10 et seq tal-process u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga’ ghandu seba’ *convictions* registrati fuqha fejn instab hati ta’ reati in konnessjoni mal-Ordinanza tat-Traffiku u numru ta’ kontravenzjonijiet fejn inghata *probations*, multi u xi sentenza sospiza cioe’ nonostante pero’ l-imputat ma giex akkuzat li huwa recidiv u ghalhekk din il-Qorti mhiex projbita li taghti sentenza sospiza.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala mputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita’ sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba u affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta' u hu minhabba dan li mhux ser tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija effettiva.

Jidher minn dak li qalu l-*probation officers* li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' droga u qajla qed jirnexxilu jindirizza tali problema wahdu u ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li fic-cirkostanzi hemm lok li jigi nominat ufficjal sorveljanti sabiex jiehu hsieb lill-imputat u jzommu 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita' u b'hekk thoss li fic-cirkostanzi l-piena idoneja hija dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza bin-nomina ta' ufficjal sorveljanti sabiex jiehu hsiebu u jzommu fit-triq it-tajba bil-ghan li ma jiftah l-ebda kaz iehor.

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' l-**Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tiddikjara li ssib lill-imputat Jonathan D'Amato hati tar-reat ta' ricettazzjoni u tikkundannah prigunerija ghall-perijodu ta' tmintax (18)-il xahar liema perijodu qed jigi sospiz ghall-perijdou ta' tlett (3) snin ai fini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan qieghda tordna li l-imputat jitqieghed taht ordni ta' supervizjoni (kif hawn anness) ghat-tul kollha tas-sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28G (1) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.**

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-ufficcju tal-Probation u Parole Services bil-ghan li jigi nominat kandidat idoneju

sabiex jiehu hsieb lill-imputat u taghti r-rakkomandazzjoni taghha li tigi nominata Cherisse Boffa jew Antonella Bugeja u dan ghaliex huma gja hadu konjizzjoni tal-fatti kif jikkoncernaw lill-imputat.

Il-Qorti spjegat l-importat ta’ din is-sentenza lill-imputat u spjegat x’inhuma l-konsegwenzi jekk l-ordni taghha ma tigix segwita.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------